# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru   27**

**Avviz  numru      1415/99/SM**

**Cutrico Services Limited**

**vs**

**Commercial Lifts & Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlett mija u erbghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM340.26,0) in kwantu ghas-somma ta' mitejn u disghin lira (LM290), bilanc minn somma akbar prezz ta' "airconditioning unit" lilha mibjugh u kkonsenjat u in kwantu ghas-somma ta' hamsin lira u sitta u ghoxrin**

**centezmu (LM50.26,0) bhala prezz ta' "parts" u service charges" in konnessjoni mal-imsemmi bejgh;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 10 ta' Frar 1999 u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Lulju 1997 sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi s-somma mitluba in kwantu tirreferi ghall-hlas ta' hamsin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (LM50.26,0) bhala prezz ta' "parts"| u "service charges" mhux dovuta stante li s-socjeta' konvenuta ma nkarigatx is-socjeta' attrici tezegwixxi jew taghmel xi xogholijiet barra l-istallazzjoni ta' l-appart;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet il-provi prodotti;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti tal-procedura odjerna jistghu komplessivament jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa bilanc dovut minn somma akbar dovuta mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici ghall-"air conditioning unit", "parts" u servizz lilha moghti, inkluza ammont dovut ghall-V.A.T.;**

2. **Illi fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta tirreklama biss parti zghira mis-somma globali mitluba;**

**3. Illi pero' s-socjeta' attrici ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**